MALTA

# QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Numru 344/2005

George Scerri u martu Edith Scerri
Vs
Kenneth Peter Cassar
SEDUTA TAT-28 TA' NOVEMBRU, 2005

Il-Qorti;
Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew: -

Illi l-atturi huma l-propjetarji ta' garage bla numru u bla isem internament immarkat bin-numru wiehed (1) li jifforma parti mil-korp ta' bini bl-isem Richmond Court, fi Triq Ghar il-Lembi, Sliema.

Illi l-konvenut ghandu l-pussess tal-appartament li parti minnu jigi soprastanti l-garage tal-atturi.

Illi ftit xhur ilu l-konvenut, abusivament u minghajr il-kunsens, konsapevolezza jew approvazzjoni tal-atturi qabad u ghamel toqba fis-saqaf, ghadda katusa tad-drenagg minn gewwa fiha ghal gewwa l-garage liema

katusa baqghet miexja mal-hajt intern tal-garage tal-atturi u dan bi pregudizzju u dannu ghall-atturi.

Illi l-konvenut m’ ghandu l-ebda jedd li jghaddi l-imsemmija katusa ghal gewwa l-propjeta tal-atturi jew li jaghmel toqba simili fis-saqaf.

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jnehhi l-imsemmi katusa u jirriprestina l-propjeta baqa’ inadempjenti.

Talbu ghalhekk lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex: -

1. Tiddikjara illi l-konvenut m’ ghandu l-ebda jedd jew titolu li jaghmel toqba fis-saqaf bejn il-garage tal-atturi u l-appartament soprastanti u li jghaddi katusa mill-imsemmija toqba u minn gewwa l-garage tal-atturi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss li jnehhi l-katusa imsemmija u jirriprestina l-propjeta tal-atturi u dan taht l-opra ta’ periti nominandi u fin-nuqqas, li tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-istess xogholijiet u f’ dan il-kaz, li ghalhekk jkunu awtorizzati jekk hemm bzonn sabiex jaccedu fl-appartament soprastanti l-garage li huwa fil-pussess tal-konvenut, u dan kollu ghas-spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut komprizi dawk ta’ ittra ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2004 u ittri bonarji tal-10 ta’ Settembru 2004 u tad-9 ta’ Frar 2005 u b’ riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut tat-23 ta’ Novembru, 2005, li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet ta’ l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni u tiddikjara li l-konvenut m’ ghandu l-ebda jedd jew titolu li jaghmel toqba fis-saqaf bejn il-garage tal-atturi u l-appartament soprastanti u li

jghaddi katusa mill-imsemmija toqba u minn gewwa l-garage tal-atturi w tipprefiggi lil konvenut 30 gurnata zmien mil-lum biex inehhi l-katusa msemmija u jirripristina l-proprjeta' ta' l-atturi u dana taht is-sorveljanza ta' l-AIC Godwin Abela li qed jigi nominat appuntu ghal-dn l-iskop u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li a spejjez tal-konvenut, dejjem that is-sorveljanza tal-Perit nominat, jaghmlu l-istess xogholijiet bl-awtorizazzjoni li jekk ikun hemm bzonn jaccedu fl-appartament soprastanti l-garage in kwistjoni sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet.
Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------